KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 38/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

*L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċċju l-antik tal-Kunsill Lokali Paola fi Pjazza Antoine De Paule Paola, nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsilliera Axisa u Bartolo talbu li jkunu skużati minħabba impenji ta' xogħol . Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 37 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand TCTC sabiex isir proġett tas-sajf ta' tagħlim għat-tfal. Wara diskussjoni il-membri aċċettaw il-proposta kif ppreżentata u qablu li l-ħlas ta' reġistrazzjoni ta' €25 jingħata lura lill-dawk li jkunu attendew għal aktar minn 80% tal-lezzjonijiet.

## 4. Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà Soċjali

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi skond iċ-ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, issa kull Sindku li l-unika dħul tiegħu huwa l-Onorarja, u b'hekk m'għandu l-ebda impjieg ieħor, jista' jiddikjara jekk iridx li tibda tinqata l-kontribuzzjoni tas-sigurtà' Soċjali. Is-Sindku kkonferma li l-unika dħul tiegħu hija l-onorarja u għaldaqstant talab sabiex dan id-dħul jibda jitqies għall-finijiet ta' sigurtà soċjali u għaldaqstant il-kontribuzzjoni tas-sigurtà' Soċjali tkun imħallsa nofsa minnhu u n-nofs l-ieħor mill-Kunsill Lokali bħal fil-każ tal-ħaddiema.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonferma wkoll li skond kif tippermetti l-istess ċirkulari ser ikunu qed jitħallsu l-arretrati tal-istess kontribuzzjonijiet tas-Sindku mis-sena 2016 il quddiem, fejn il-Kunsill iħallas nofs il-kontribuzzjonijiet arretrati u n-nofs l-ieħor jitħallsu mis-Sindku.

## 5. Sala tal-Kunsill

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi wara li sar xogħol fuq il-bejt tal-Kunsill u tas-sound u projector fis-sala tal-Kunsill, bħalissa għaddej ix-xogħol fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola, fejn ser isir suffitt ġdid bid-dawl, tibjid u purtieri ġodda.

## 6. Offerta Ġnien Tony Bezzina

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi wara li sargħet il-laqgħa b'urġenza li approvat l-għoti tal-kuntratt ta' Ġnien Tony Bezzina lill-kuntrattur bl-irħas offerta valida, l-istess kuntrattur kien mitlub sabiex jersaq għall-iffirmar tal-kuntratt kif ukoll sabiex jipprovdi il-garanzija bankarja rikjesta. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li l-kuntrattur naqas milli jagħmel dan fiż-żmien stipulat u għaldaqstant kompla illi issa, skond ir-regolamenti tax-xiri pubbliku, il-Kunsill jista' japprova li jagħti l-offerta lill-Kuntrattur fit-tieni post.

6.2. Fid-dawl ta' dan il-fatt, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta addendum għar-rapport ta' evalwazzjoni oriġinali li jispeċifika dan il-fatt u li wkoll jagħti l-parir lill-Kunsill sabiex jagħti din l-offerta lill-kuntrattur klassifikat fit-tieni post. Il-membri approvaw ir-rapport kif miżjud bl-addendum.

## 7. Ġnien il-Mediterran

7.1. Is-Sindku fakkar lill-membri illi is-sena l-oħra il-Kunsill Lokali Paola kien qabel li jissottometti applikazzjoni għall-permess tal-awtorità tal-Ippjanar għal xogħolijiet fi Ġnien il-Mediterran li kien jinkludi fost l-oħrajn park għall-familja u park għall-klieb però kompli li l-Kunsill qed ikun infurmat li l-permess qed ikun miżmum mill-Awtorità tal-Artijiet li qed tikkonferma li partijiet mill-ġnien li huma fl-applikazzjoni tal-Kunsill huma tiġa devoluti lill-MCAST. Is-Sindku żied li l-istess entita infurmat lill-kunsill li jekk ma jkunx hemm ittra ta' "no objection" mill-Ministeru tal-Edukazzjoni il-permess ser jibqa jinżamm.

7.2. Is-Sindku kompla li ser jitkomplew il-laqgħat sabiex dan il-permess jinħareġ u l-ġnien jibqa' ġnien. Kompla li dan kollu qed iwaqqaf ukoll il-proċess li Parks Malta tieħu f'idejha l-amministrazzjoni tal-ġnien. Kompla però li sadanittant l-istess Parks Malta aċċettat li tieħu ħsieb il-ġnien kif tista' sakemm tissolva din il-kwistjoni.

7.3. Is-Sindku żied ukoll li hemm diffikultà sabiex tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali il-latrina li hemm fil-green corridor fid-dawl li l-file tal-istess parti huma miżmuma il-qorti. Is-Sindku kompla li ser jagħmel li jista' sabiex din id-devoluzzjoni isseħħ.

## 8. Risk Assessment Playing Fields

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fix-xhur li għaddew sar il-proċess ta' risk assessment tal-bandli fil-lokalita liema rapporti qed ikunu annessi. Fost l-oħrajn ir-rapporti jitolbu tabelli kif ukoll CCTV ġodda fil-bandli ta' St. Antnin. Is-Sindku żied illi bħalissa għaddej ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istess ġnien wara bosta atti vandali u għaldaqstant qal li CCTV f'dak il-bandli hija ta bżonn. Il-membri approvaw l-installazzjoni ta' din is-CCTV filwaqt li saħqu għall-ħtieġa ta' aktar għajnuna tal-awtoritajiet meta jkunu pprovduti il-filmati ta' atti vandali.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lill-membri illi ġew installati CCTV ġodda fi Triq l-Oratorju kif ukoll fi Triq il-Prinċipessa Maria grazzi wkoll għar-residenti tal-madwar li aċċettaw li jkunu installati dawn ic-CCTV mal-faċċati tagħhom.

9.2. Dwar ix-xogħolijiet tal-pjazza, is-Sindku informa lill-membri illi wara li tlesta il-wiring taz-zebra crossings kompla ix-xogħol fejn qed isir tiswija fuq it-turġien taz-zuntier u postijiet oħra. Is-Sindku fakkar li mit-taraġ taz-zuntier il ġewwa hija responsabiltà tal-parroċċa u talab li tingħata l-attenzjoni meħtieġa. Kompla li issa ser isir xogħol fuq il-*bollards* tad-dawl kif ukoll fuq il-*manholes* li tkissru. Dwar l-art, is-Sindku qal li irċevjna kopja tar-rapport tat-triq li issa għaddejnih lill-Perit sabiex jagħtina spjegazzjoni iktar sempliċi fid-dawl li huwa tekniku ħafna kif ukoll żied illi intalab li jattendi għall-laqgħa dwar is-suġġett mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Gvern Lokali.

9.3. Dwar proġetti oħra tal-Kunsill, is-Sindku informa lill-membri li ser jibda ix-xogħol fuq Ġnien Lorry Sant fejn ser jitneħħew fost l-oħrajn is-siġar l-invasivi u minflok isiru ħafna oħrajn, issir l-art, bankijiet eċċ. Dan grazzi wkoll għall-fondi tal-aġenzija LESA.

9.4. Is-Sindku qal ukoll illi aktar kmieni tul il-ġurnata kellu żjara fl-inċineratur tal-Marsa fuq stedina tal-Kap Eżekuttiv tal-WasteServ fejn seta' jara li beda ix-xogħol sabiex ikunu kontrollati l-intejjen u għaldaqstant irringrazzja lill-Ministri Miriam Dalli u Aaron Farrugia kif ukoll lil Kap Eżekuttiv Richard Bilocca.

9.5. Is-Sindku qal li f'laqgħat preċedenti kienu saru diskussjonijiet mal-kuntratturi tal-iskart u l-knis flimkien mal-Kunsillier Camilleri u żied li tajjeb li l-membri ikunu infurmati bl-eżitu tad-diskussjonijiet. Il-Kunsillier Camilleri qal li fost l-oħrajn kienet sargħet pressjoni fuq it-tindif u l-ħasil tas-suq u l-pjazza, li jidher li sar progress tajjeb. Dwar il-ħsarat tal-bins li mhux qed jingħalqu sew mill-kenniesa is-Sindku qal li jekk il-bins mhux ser jingħalqu biċ-ċwievet, l-ispejjeż tal-istess bins ser jinqatgħu mill-kont tal-kuntrattur. Il-Kunsillier Camilleri qal li ser ikun qed jitlob li jerġa isiru laqgħat mal-kuntratturi fid-dawl li għalkemm sar progress fadal xorta diversi nuqqasijiet.

9.6. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi wara sitt snin ta' diskussjonijiet, kellu laqgħa ma Transport Malta fejn jidher li ser ikun approvat illi trakkijiet u trejlers ma jkunux permessi li joħorġu minn Triq l-Isqof Buhagiar u għanda issir prova wara li jagħlqu l-iskejjel għas-sajf.

9.7. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera Arqueros li fuq inizjattiva tagħha sargħet drama għat-tfal tal-iskejjel fis-sala tal-Kunsill tagħna.

## 10. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

10.1. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-proċess tar-restawr tal-fanali l-antiki li kienu tneħħew mil-Pjazza. Is-Sindku qal illi xogħol għaddej fuqhom u huma kważi lesti però kompla li fid-dawl li l-kunsill kien qabel li dawn ser ikunu installati quddiem iz-zuntier ta' St. Antnin huwa kien talab lid-Dipartiment tax-xogħolijiet sabiex isiru ukoll xi xogħolijiet fuq iz-zuntier li jinkludu fost l-oħrajn il-balavostri. Huwa żied li kien infurmat li l-permess ħareġ is-sena l-oħra però x-xogħol kellu jieqaf fid-dawl li kien hemm siġar invasivi li kienu qed jgħollu l-art u għaldaqstant saru diskussjonijiet mal-ERA sabiex jitneħħew dawn is-siġar biex ikun jista' jibda ix-xogħol mid-dipartiment tax-xogħolijiet.

10.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-*pelican crossing* ta' fejn l-għassa fid-dawl li qed idum erba' minuti biex jaqleb. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja dwar dan fid-dawl li qed jara li huma ħafna erba' minuti. Huwa żied li jaf li kien itawwal il-ħin fid-dawl tax-xogħolijiet tal-Marsa però jidher li din il-problema ma kienitx għada preżenti.

10.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-arblu mgħawweġ tal-Burger King. Is-Sindku qal li wara li kien ser isir ix-xogħol mill-Kunsill ġejna infurmati li ser isir ix-xogħol min-naħa tagħhom.

10.4. Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk Ġnien San Alwiġi jistax ikun magħluq aħjar fid-dawl li xorta qed ikun hemm min jarmi l-ħmieġ fih. Is-Sindku qal li jinsab konxju tal-problema però żied illi daħlet l-applikazzjoni l-awtorità tal-Ippjanar sabiex isir dan il-proġett li ser jinkludi open gym, bandli u area sportiva fost l-oħrajn.

10.5. Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk il-Kunsill hux qed ikun infurmat meta Transport Malta tagħmel xogħolijiet fuq iż-żebgħa tat-toroq. Is-Sindku qal li sfortunatament l-awtoritajiet, fejn jaqblilhom jaqbdu u jipproċedu mingħajr ma jikkonsultaw mal-Kunsill. Kompla li dwar il-każ li qed jirreferi għalih, l-ittra waslet għand il-Kunsill l-għada li sar ix-xogħol.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 37 għas-somma ta' €79,277.98.

## 12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |